KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 35/8/194/22

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 35

*L-Erbgħa 13 ta' April 2022*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 13 ta' April 2022. Il-laqgħa kienet skedata għal-4.30pm.

**Preżenti:**

Dominic Grima - *Sindku*
Darren Lynch - *Viċi Sindku*
Steven Axisa - *Kunsillier*
Ivan Bartolo – *Kunsillier*
Rita Delezio - *Kunsilliera*
Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*
Neville Camilleri – *Kunsillier*

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti 14A (3):

**Assenti:**

**Uffiċjal Preżenti:** Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

*Qabel ingħata bidu għal-laqgħa, il-Kunsillier Ivan Bartolo iddikjara li minn din il-laqgħa huwa għandu jitqies bħala Kunsillier indipendenti.*

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi ma kien hemm l-ebda membru assenti.

1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku illi b'referenza għall-proviżjonijiet tal-Att 363 Kap 18, l-Kunsilliera Steven Axisa, Ivan Bartolo u Neville Camilleri naqsu milli jattendu għal aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali Paola imsejħa fil-perjodu ta' sitt xhur bejn id-29 ta' Settembru 2021 u d-29 ta' Marzu 2022. Il-membri iddiskutew dan in-nuqqas ta' attendenza u kif jipprovdi l-istess Att, qablu li dan in-nuqqas kien minħabba raġuni ġusta u għalhekk qablu li jitolbu lill-Ministru sabiex ma jiddikjarax il-post ta' dawn il-Kunsilliera bħala wieħed vakanti.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 34 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand l-għaqda volontarja *Optimist Malta* sabiex isir proġett bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola fejn tingħata għajnuna bla ħlas fil-homework wara l-ħin tal-iskola, lit-tfal li għal raġunijiet differenti jaqgħu lura fl-edukazzjoni. Huma talbu li l-Kunsill jipprovdi il-post għal dan it-proġett filwaqt li huma jieħdu ħsieb jarmaw il-post bl-imwejjed, siġġijiet, *laptops*, kotba u logħob. Il-membri approvaw din it-talba u qablu li jintuża il-bini tal-Kunsill l-antik fil-Pjazza de Paule kif ukoll qablu li jekk ikun hemm bżonn xi investiment f'din il-binja dan għandu isir.

## 4. Laqgħa tal-Lokalita

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dan l-item dejjem jitressaq wara il-laqgħa pubblika li tkun sargħet sabiex jagħti spazju biex punti imressqa fil-laqgħa pubblika ikunu jistgħu jiġu diskussi.

4.2. Il-Kunsillier Axisa xtaq iżid, dwar il-punt tal-indafa, illi qegħdin jingħataw ċitazzjonijiet marbuta mal-iskart kif ukoll żied li l-ERA ser tkun qed iżżid wkoll aktar infurzar. Is-Sindku żied li dan huwa tajjeb għax apparti il-kameras hemm bżonn il-preżenza tal-awtoritajiet li jistgħu jinfurzaw il-liġi, anke fid-dawl li jekk persuna ma tingħarafx mill-kameras ma tkunx tista' titħarrek. Il-Kunsillier Camilleri żied ukoll li anke kontravenzjonijiet kontra min jitma il-ħamiem inħarġu.

## 5. <u>Offerti</u>

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-evalwazzjoni ta' Ġnien Tony Bezzina kienet għada għaddejja fid-dawl ta' bosta studji u kjarifikazzjonijiet li intalbu. Il-membri qablu li jekk din l-evalwazzjoni tingħalaq fil-ġranet li ġejjin, għanda tissejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex din il-materja tiġi konkluża.

## 6. <u>Ċentru Anzjanità Attiva</u>

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi ġie avviċinat mid-Direttorat tal-Anzjanità Attiva sabiex jerġa jibda jiftaħ iċ-Ċentru tal-Kunsill hekk kif issa dan ilhu magħluq minn meta feġġet il-pandemija. Is-Sindku żied illi l-Kunsill kien ħa din id-deċiżjoni sabiex anke jipproteġi l-anzjani li jattendu però jidher li issa huwa iż-żmien li ċ-ċentru jerġa jiftaħ. Il-membri qablu ma dan.

## 7. <u>Proġett-Stray Cats</u>

7.1. Il-Kunsilliera Arqueros qalgħet li fid-dawl li l-iskemi ta' neutering kienu imwaqqfa mil-Animal Welfare, hemm bżonn li jkun dedikat baġit sabiex isir neutering u anke jkun provdut l-ikel lill-feeders tal-lokalita. Il-membri iddiskutew dan u qablu li jibda dan il-proġett u jkun allokat għalih l-ammont ta' €2,000 sakemm anke jitniedu skemi oħra mill-Gvern Ċentrali.

## 8. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>

8.1. Is-Sindku qal li qed isir xogħol mal-kuntrattur tad-dawl sabiex isir dawl aħjar LED fl-akwata tal-Ġnien P. Boffa hekk kif hemm ħsarat kbar fis-sistema preżenti u ma' jagħmilx sens jekk dan ix-xogħol isir meta l-Kunsill għandu ħsieb jagħmel xogħol f'dan il-ġnien.

8.2. Is-Sindku informa lill-membri illi tlesta ix-xogħol fi Triq Għajn Dwieli u għaddej ukoll xogħol fi Triq l-Isqof Pietru Pace kif ukoll hemm pjanat xogħol ta' rampi għaż-zuntier tal-Knisja St. Antnin minn Infrastruttura Malta. Is-Sindku żied li huwa talab ukoll lill-istess entita sabiex tagħmel rampa in-naħa l-oħra fl-akwata tal-appartamenti tal-Gvern.

*Il-Kunsilliera Arqueros telqet mil-laqgħa.*

8.3. Is-Sindku żied ukoll li fil-ġranet li ġejjin ser jibda xogħol ta' tarmak fi Triq Ħal Luqa u Triq Britannja u qed issir pressjoni fuq lista ta' toroq oħra bħal Santa Monika, Kurvetti, Tramuntana, St. Ubaldeska.

8.4. Is-Sindku qal li wara li f'Awissu kien għamel pressjoni mal-Awtorità tal-Artijiet sabiex isir xogħol taħt l-appartamenti ta' Triq l-Arkata, jidher li x-xogħol beda isir però sfortunatament dan beda isir mingħajr ma l-Kunsill ma kien infurmat. Huwa kompla li b'referenza għax-xogħolijiet li saru b'inkonvenjent bil-lejl, huwa tkellem mal-entita li qed tagħmel ix-xogħol u sar ftehim li dan isir is-Sibt wara nofsinhar.

## 9. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>

9.1. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar il-possibilità li isiru laqgħat mal-membri parlamentari eletti ġodda tad-distrett. Is-Sindku qal li dawn il-laqgħat dejjem saru b'mod konsistenti u għandom isiru issa wkoll.

9.2. Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar l-iBins ta' fejn l-Mcast fid-dawl tal-iskart li qed jintrama mad-dawra tagħhom. Is-Sindku ikkonferma li jinsab għaddej f'taħditiet mal-skema GreenPak sabiex isiru is-CCTV solari fuq dan l-unika sit li ma kienx sorveljat fid-dawl li ma kienx daqshekk sit problematiku u anke fid-dawl tal-proġett tal-MCAST. Il-Kunsillier Bartolo, fuq dan il-punt, żied li għandu jkun ukoll tajjeb li isir dawl tat-toroq solari.

9.3. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar il-possibilità li isir lift fi Triq l-Arkata in-naħa l-oħra tal-lift li sar. Is-Sindku informa lill-membri illi l-Awtorità tad-Djar ser tkun qed tagħmel dan il-lift u lift ieħor fil-blokka l-kbira ta' Triq Kordin.

9.4. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet ukoll dwar jekk kienx sar progress fuq l-organizzazzjoni tas-Suq. Is-Sindku ikkonferma li kienu saru laqgħat mad-Dipartiment konċernat fejn saru l-proposti liema Dipartiment kellu jiddiskuti dan is-suq mal-Ministeri konċernati, liema risposta għada ma waslietx.

9.5. Il-Kunsillier Camilleri staqsa dwar il-possibilità li issa li sar ix-xogħol taħt l-appartamenti ta' triq l-Arkata, ikun jagħmel sens jekk isir aktar dawl. Is-Sindku irrisponda li jekk dan ikun possibbli isir id-dawl li hemm bżonn.

**10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>**

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 34 għas-somma ta' €11,038.95.

**11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 25 ta' Mejju 2022.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |